KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 10**

**It-Tlieta, 14 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**
Hadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 10.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**10.01.01** Xejn.

## 10.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 8 u seduta 9)

**10.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 8 u seduta 9.

**10.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 8 ġew approvati unanimament.

**10.02.03** Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-minuti ta' seduta 9 ġew approvati unanimament.

*Fil-17:34 ngħaqdet il-Kunsilliera Maria Mifsud.*

## 10.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**10.03.01** *Mappa 3D ta' Birżebbuġa*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li fil-laqgħa preċedenti kien ġie mitlub li jinġabru 3 kwotazzjonijiet għal mapep 3D tal-lokalità. Huwa qal li dawn il-kwotazzjonijiet inġabru iżda l-irħas waħda taqbeż sew l-ammont ta' €10,000 u għaldaqstant ikun jinħtieġ li jinħareġ tender. Wara diskussjoni libera u rajna l-prijoritajiet fil-lokal, ħadd mill-kunsilliera preżenti ma qabel li jsir dan ix-xiri.

**10.03.02** *Mafkar tal-Pumpier Joseph Zammit*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-mafkar maħdum minn travertine u nocia travertine, inkluż it-tqegħid tal-istess mafkar. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €5,800. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**10.03.03** *Żbir ta' ħarruba*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ntalbu 3 kwotazzjonijiet sabiex tinżabar il-ħarruba li hemm fi Triq il-Gandoffla, iżda rċivejna 2. L-orħos waħda kienet dik A, li tammonta għal €390. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni wara li jinġiebu l-permessi meħtieġa.

**10.03.04** *Karnival 2025*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li applikajna għall-iskema tal-karnival. Il-Kunsill Lokali huwa tal-ħsieb li jsir il-Ġimgħa, 28 ta' Frar. Wara diskussjoni libera, is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-programm tal-karnival għandu jkun hemm is-sehem tal-baned, żeffiena minn skejjel taż-żfin, u logħob u animazzjoni għat-tfal. Għalhekk, il-kwotazzjonijiet mibgħuta jridu jiġu riveduti skont il-programm il-ġdid. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

*Fis-17:50 ngħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**10.03.05** *Ġnien Profs. Anton Tabone (San Ġorġ)*: Is-Sindku Scott Camilleri semma l-pjan ta' kif se tkun qed issir iż-żamma tal-imsemmi ġnien. Huwa ġab stima mingħand il-kuntrattur tal-bandli sabiex jinbidel is-soft flooring tal-istess bandli. Dan jammonta għal €43,857, u qal li bil-bqija tal-fondi li se jibqgħu mill-iskema SPI/SCI/09/2022 dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom, li jammontaw għal madwar €12,000, isiru strutturi bħal gradi, eċċ., biex iż-żona tkun iżjed

sigura. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li ma jaqbilx ma' din l-idea għax skont l-informazzjoni li għandu jaf li fil-proġett tal-promenade se jsir refurbishment sħiħ ta' dan il-ġnien. Jekk se jinbidel is-soft flooring din is-sena, dan sa madwar sentejn oħra se jerġa' jinqala', u allura dawn il-fondi jkunu nħlew. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dawn il-fondi bilfors iridu jintefqu fuq dan il-ġnien minħabba li huma marbutin ma' skema li applikajna għaliha. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fil-fehma tiegħu jħoss li l-affarijiet min-naħa tal-Ministeru għall-Gvern Lokali mhux qed isiru sew għax il-Ministeru għandu jagħti fondi lill-Kunsilli Lokali skont il-ħtieġa u l-prijoritajiet tagħhom. Huwa qal li, pereżempju, waħda mill-prijoritajiet tiegħu u tal-Kunsill hi li jsiru l-ispeed calmers li għandna approvati u jaf li għal dawn kollha li rridu nagħmlu m'għandniex biżżejjed fondi u għalhekk ma jaqbilx li dawn il-fondi jintefqu fuq soft flooring. Wara diskussjoni libera, is-Sindku Scott Camilleri talab għall-votazzjoni. Bi 8 voti favur u 1 kontra, il-kunsilliera qablu li jsir ix-xogħol imsemmi.

## 10.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**10.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill ġie mitlub mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar sabiex jiċċekkja jekk il-Kunsill Lokali japprovax li jkun parti mill-kuntratt il-ġdid tad-dawl tat-toroq. Il-kunsilliera preżenti qablu li aħna nkunu mniżżla f'dan it-tender.

## 10.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**10.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Triq Tal-Ġebel, fejn xtaq ikun jaf jekk huwiex possibbli li jkun hemm aġġornament min-naħa tal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet pjanati fl-imsemmija triq, kemm dwar il-proġett li fih l-ewwel biċċa tat-triq issir direzzjoni waħda kif ukoll dwar il-culverts li kellhom isiru fl-istess triq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li bħala Kunsill applikajna mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinħareġ il-permess għad-dawl tat-triq. Huwa qal li l-pjan hu li hekk kif tinħareġ id-DNO nitkellmu ma' Infrastructure Malta.

**10.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Ġnien l-Indipendenza. Huwa semma li minn dakinhar li nfetaħ il-ġnien, wara li ġie rinovat, kien hemm numru ta' ġimgħat fejn id-dawl kien mitfi, u għalhekk xtaq aġġornament dwar il-problemi li kien hemm u kif ġew solvuti. Xtaq aġġornament ukoll dwar kif inhu miexi x-xogħol fuq is-sistema tas-CCTV. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li talab b'mod uffiċjali għal CCTV kif ukoll għal maintenance and services agreement. Huwa qal li rigward il-funtana għadhom għaddejjin l-arranġamenti għax għad m'hemmx soluzzjoni ta' kif din se taħdem, filwaqt li l-Kunsillier Alex Caruana għamel rimarka fuq il-barriers li hemm niqsin u qal li dawn se jsiru wkoll. Il-problema tad-dawl ġiet solvuta. Rigward il-fence, il-kuntrattur se jgħaddilna kwotazzjoni u Project Green se jieħdu ħsieb il-ħlasijiet.

**10.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-covers tal-GO, fejn fis-snin li għaddew l-imsemmija kumpanija għaddiet numru ta' pajpijiet minn taħt il-bankini biex ikunu jistgħu joffru servizz. Huwa semma li f'ċerti toroq wieħed jista' jinnota li ħafna minn dawn huma mkissra u qed joħolqu riskju għar-residenti. Filwaqt li spjega li ħafna minn dawn l-imkissra nbidlu mill-Kunsill, hemm uħud li għadhom imkissra. Il-kunsillier staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel ftehim ma' din il-kumpanija sabiex jipprovdulna l-kaxxi ħalli

l-Kunsill ikun jista' jibdilhom skont il-bżonn u b'hekk titjieb is-sigurtà tal-bankini. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din il-proposta u talab sabiex issir it-talba.
**10.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar it-tkabbir tal-bajja (PA 448/24), fejn staqsa jekk jistax ikun hemm aġġornament dwar din l-applikazzjoni u għaliex għadha qed tinżamm miftuħa ladarba nbidel il-ministru tat-turiżmu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li b'mod uffiċjali bagħat korrispondenza rigward din il-kwistjoni, fejn staqsa lill-Ministru Ian Borg fuq 2 materji li għadhom pendenti: it-tneħħija tal-applikazzjoni tat-tkabbir tal-bajja u l-proġett ta' Wied il-Buni, li ilu mwiegħed għal dawn l-aħħar 7 snin.

**10.05.05** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar tiżbir ta' siġar tal-ħarrub. Huwa xtaq ikun jaf jekk għadniex fiż-żmien addattat li tinżabar is-siġra tal-ħarrub li tinsab fi Triq il-Gandoffla. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li nġieb il-permess mill-ERA u se jitqabbad kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji.

**10.05.06** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Triq Ta' Feliċjan, fejn semma li fl-aħħar ġimgħat kien hemm numru ta' spezzjonijiet li saru f'din it-triq u avviċinawh xi residenti. Huwa xtaq ikun jaf jekk hemmx xi xogħol pjanat f'din it-triq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienu qed jaħsbu sabiex titneħħa t-tumbata, iżda l-Kunsill ma qabilx ma' din id-deċiżjoni. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena li xi ġimagħtejn ilu rċieva telefonata mid-direttur responsabbli mid-dipartiment fejn qallu li l-ministru kien talbu jtih suġġeriment fejn jista' jmur l-ilma ta' Triq Tal-Papa mingħajr ma jmur lejn Triq Ta' Feliċjan. Huwa qal li fuq din se jsir studju.

**10.05.07** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-promenade, fejn qal li fil-laqgħat li għaddew ġew diskussi kif se jsiru x-xogħlijiet mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet fil-promenade. Huwa talab sabiex il-Kunsill jippreżenta pjan ta' dawn ix-xogħlijiet u liem minnhom se jsiru qabel is-sajf li ġej. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kellu laqgħa nhar l-10 ta' Jannar fuq il-pjan li għandu d-Dipartiment tax-Xogħlijiet, fejn ġie preżentat l-ewwel sett ta' pjanijiet. Huwa talab li dawn jintbagħtu lill-Kunsill għall-konsultazzjoni.

**10.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**10.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Diċembru 2024. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-proċess tat-tender tal-Freeport. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-jum ta' qabel kien hemm laqgħa oħra mal-persuna li tikteb it-tenders. Spjega li se jkun qed jiġi ppubblikat tender ġdid fil-jiem li ġejjin, b'miżuri iktar ta' vantaġġ għar-residenti, u qed jinħadem l-abbozz biex jitla' fis-seduta ta' Frar.

**10.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-Kunsill irċieva ittra bl-avukat mill-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-ġonna. Wara li nqrat l-ittra, is-Sindku Scott Camilleri ta spjegazzjoni dwar in-notifika ta' nuqqasijiet li ntbagħtitlu. Huwa semma li l-ġnien f'Tal-Papa, li nfetaħ ftit tax-xhur ilu, il-kuntrattur ġie infurmat bil-miktub li dan infetaħ però xorta saru nuqqasijiet kbar fuq iż-żamma min-naħa tiegħu, għalhekk tqabbdet il-contracts manager sabiex toħroġ rapport flimkien man-notifiki ta' nuqqasijiet.

**10.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-kunsilliera li trid issir laqgħa annwali sa mhux aktar tard mill-15 t'April, fejn fiha jrid jiġi preżentat ir-rapport

amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-pjan ta' ħidma għal din is-sena. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu, fis-19:30 ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali.
**10.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lill-Kunsilliera Rohasia Zammit dwar il-vouchers tal-ikel tal-qtates, li jammontaw għal €1,050 u li għad hemm pendenti. Se tkun qed tieħu ħsiebhom fil-ġranet li ġejjin.

**10.07 Korrispondenza**

**10.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għall-kompetizzjoni tal-Milied daħlu 5 sottomissjonijiet. Huwa preżenta r-ritratti lill-kunsilliera.

**10.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ħarġet l-iskema għall-korsijiet tal-Lifelong Learning. Normalment, bħala Kunsill napplikaw għall-Malti bħala lingwa barranija (MQF 1 u 2) u l-Ingliż bħala lingwa barranija (MQF 1 u 2). Huwa semma wkoll li hemm numru ta' korsijiet oħra li jistgħu jiġu offruti u nistgħu nagħmlu t-talba għalihom. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti ġie maqbul li napplikaw ukoll għall-korsijiet tal-ganutell, il-ħjata, Maltese bobbin lace making, u health and wellbeing.

**10.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat dwar is-sitwazzjoni tal-inċident li nqala' fuq il-monti ġo lokalità oħra u għalhekk issuġġeriet li jkun hemm xi tip ta' barriers bħala protezzjoni, kemm għall-bejjiegħa u kif ukoll għar-residenti. Huwa ssuġġerixxa li nitolbu l-health and safety officer tal-Kunsill sabiex iħejji rapport u xi suġġerimenti ta' x'jista' jsir.

**10.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza fejn hemm kumpanija bl-isem ta' Connected Care Ltd li tipprovdi s-servizz tat-telecare u li dawn jixtiequ jiltaqgħu mal-membri tal-Kunsill sabiex jgħidulna x'tariffi joffru. Huwa talab lill-Viċi Sindku Josette Busuttil u lill-Kunsillier Johann Borg sabiex jagħmlu laqgħa ma' dil-kumpanija.

**10.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dwar l-għalqa ta' Triq Żaren Dalli se jipprova jsib lil xi ħadd li għandu razzett biex jiġbor it-tiġieġ li hemm iduru fl-akkwata. Issuġġerixxa li titwaħħal notifika mal-ħajt fejn tavża li dawn se jinġabru fi żmien għaxart ijiem. Ġie deċiż li tintbagħat korrispondenza lill-Awtorità tal-Artijiet jekk jistgħux joffru servizz li jagħmlu r-riċerka tal-akkwata permezz tan-nutar tagħhom. Jekk dawn ma jaċċettawx, se jinġabru l-kwotazzjonijiet għal nutar mill-Kunsill.

**10.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li se ssir attività minn żewġ studenti universitarji fejn parti mill-kors jirrikjedilhom li jorganizzaw attività maż-żgħażagħ, b'kollaborazzjoni ma' NGO lokali. Huwa spjega li dawn se jkunu qed jingħaqdu mal-grupp ta' Aġenzija Żgħażagħ ta' Birżebbuġa, fosthom mal-community workers li qed jaħdmu fuq il-programm taż-żgħażagħ li għaddej bħalissa fil-lokalità. Il-pjan tagħhom huwa li nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, jorganizzaw film night u jixtiequ li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni biex jgħinhom fix-xiri ta' xi affarijiet, fejn l-ispiża se tammonta għal €140. Il-kunsilliera preżenti approvaw din it-talba. Il-Kunsilliera Rohasia Zammit se tattendi għal din l-attività.

**10.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza mill-Għaqda Sajjieda Dilettanti fejn lura f'Diċembru saret laqgħa flimkien mal-Kunsillier Darren Mark Debono

rigward punti li għadhom pendenti biex jinbeda x-xogħol. L-għaqda qed tagħmel talba sabiex nofs il-parkeġġ ta' quddiem il-latrina ta' San Ġorġ tibda tamministrah hi sabiex fih jiġu merfugħa l-karrijiet matul is-sena kollha. Bħalissa ż-żmien huwa bejn Settembru u Ġunju kull sena. Wara diskussjoni libera, il-kunsilliera ma qablux li dan il-parkeġġ ikun għal dan l-użu. Ġie deċiż li wara li nġibu l-approvazzjoni tal-Enemalta, żona ta' mhux aktar minn 8 x 4 metri mill-parkeġġ tal-Qajjenza tkun tista' tiġi utilizzata. Din trid tiġġedded kull sena, l-art tkun immarkata, u li ma jinqabeż xejn minn fejn hu mmarkat.

**10.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet**

**10.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

**10.09 Quarterly Report (Jannar – Diċembru 2024)**

**10.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq il-quarterly report ta' bejn Jannar u Diċembru 2024, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar il-quarterly report.

**10.09.02** Il-Kunsillier Karel Zahra intervjena billi qal li 3 mill-kontijiet li semmiet jaqbżu l-budget sew. Huwa semma li jekk dis-sena se jintefaq l-istess ammont bħas-sena l-oħra, dan ikun ifisser li ġew allokati inqas flus fuq dawn il-kontijiet. Huwa ssuġġerixxa li nagħmlu xi tibdil malli jkollna f'idejna l-budget il-ġdid tal-Gvern. L-accountant se tkun qed tara x'hemm bżonn li jsir.

**19.09.03** Il-quarterly report ta' bejn Jannar u Diċembru 2024 ġie approvat unanimament mill-kunsilliera preżenti.

**10.10 Aġġornament dwar il-pont tax-Shell**

*Hawnhekk daħlu online l-Perit Maria Bianca Darmanin u l-Perit Sean Buttigieg minn Project Green.*

**10.10.01** Il-Perit Maria Bianca Darmanin minn Project Green spjegat li l-viżjoni tal-proġett hija li l-pont isir spazju pubbliku u jkun żona pedonali tax-xatt. It-tul se jkun ta' 180 metru. Hija semmiet ukoll li fil-viżjoni hemm pjanat li ssir pjattaforma tal-għawm li tiġi livell mal-baħar, fejn din tkun tista' tiġi aċċessata mill-pont stess. Hija spjegat li dan il-proġett jinsab fil-fażi tad-disinjar, filwaqt li qed isir ukoll it-testjar fuq l-istruttura eżistenti. Il-Perit Sean Buttigieg intervjena billi qal ukoll li kemm hu u kemm il-Perit Darmanin mhu qed jiggarantixxu li l-proġett se jsir mija fil-mija; dan billi l-istruttura eżistenti għadha fil-fażi tat-testjar. Il-Perit Darmanin qalet li r-riżultati marbuta ma' dan it-testjar, skont il-kuntrattur, se jinħarġu għall-aħħar ta' Marzu. Il-Kunsill issuġġerixxa li l-konsultazzjoni pubblika ssir wara li joħorġu dawn ir-riżultati. Il-Perit Maria Bianca Darmanin qalet li se tara jekk din tistax issir u se tibgħat lura tinfurmana.

**10.11 Skemi u proġetti pendenti**

**10.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm numru ta' skemi miftuħa u wera x-xewqa li jkun hemm xi ħadd inkarigat fuq kull skema u għalhekk dawn inqasmu kif ġej:

1. *SPI/SCI/1/2024 – Ġnien San Ġorġ*:
   - Is-Sindku Scott Camilleri
2. *SPI/SCI/2/2024 – Aqua fitness sessions*:
   - Il-Kunsillier Ivan Abela Grech
3. *SPI/SCI/4/2024 – Promenade Qajjenza*:
   - Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana
4. *SPI/SCI/5/2024 – Festa Bengħajsa*:
   - Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Karel Zahra
5. *SPI/SCI/7/2024 – Hidma ġol-blokka tal-Kunsill*:
   - Is-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat
6. *SPI/SCI/8/2024 – Karnival 2025*:
   - Il-Viċi Sindku Josette Busuttil
7. *SPI/SCI/9/2022 – Bandli Profs. Anton Tabone San Ġorġ:*
   - Is-Sindku Scott Camilleri
8. *Tiżjin tal-Milied maħruġa mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar*:
   - Is-Sindku Scott Camilleri u l-Uffiċjali Eżekuttivi Christian Mifsud u Anabel Micallef
9. *Vjal Kulħadd*:
   - Il-Kunsillier Alex Caruana
10. *Monument tal-mibki Joseph Zammit*:
    - Il-Kunsillier Alex Caruana
11. *Monument tal-mibki Jake Vella*:
    - Is-Sindku Scott Camilleri

## 10.12 Festa Bengħajsa

**10.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-pjan għal din l-attività jkun li jsir it-tberik tal-annimali, jintramaw il-bankarelli li se jiġu mislufa mill-parroċċa, issir wirja tal-karozzi, ikun hemm ferrovija u vann bejn id-09:30 u s-14:30, grupp folkloristiku, tiġi mistiedna l-kantanta li ġiet f'Jum Birżebbuġa sabiex tgħanni xi għanjiet, tkun preżenti l-banda, jiġi armat palk, u jkun hemm is-sehem ta' kantanti lokali oħra. Il-kumitat tal-attivitajiet u l-Kunsillier Karel Zahra se jkunu qed jikkordinaw din l-attività.

## 10.13 Performance Bonus Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati

*Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ħareġ mis-seduta sabiex il-kunsilliera jiddiskutu u kif ukoll jitkellmu b'mod liberu dwar il-performance bonus appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati. Wara ftit minuti daħal lura fil-kamra u s-seduta tkompliet.*

**10.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat li l-kunsilliera preżenti kollha qablu li:

- is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jingħata l-massimu ta' 10%
- id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tingħata l-massimu ta' 10%
- l-impjegati kollha tal-uffiċċju jingħataw il-massimu ta' 6%

**10.13.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, f'isem il-ħaddiema kollha, irringrazzja lis-Sindku u l-kunsilliera kollha li dejjem japprezzaw ix-xogħol li jagħmlu l-ħaddiema.

## 10.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**10.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li f'pagament numru 76 għandu jiġi rimborżat għall-ikla annwali tal-kunsilliera.
*Petty cash:*

**10.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondata mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 10.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**10.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:20 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 12 ta' Frar 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 12 ta' Frar 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |